**Qorti Tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti Istruttorja**
[Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa l-Qorti Rimandanti]

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Il-Pulizija**
**(Spett. Roderick Spiteri)**

**Vs**

**Ali Ahmad**

**Illum, 26 ta’ Mejju 2025.**

Il-Qorti,

Rat illi Ali Ahmad, ta' 43 sena, ta' nazzjonalitá Sirjana, imwieled s-Sirja nhar l-1 ta' Jannar 1982, detentur tal-karta ta' l-Identitá Maltija bin-numru 0413714L tressaq taħt arrest peress li hu mfittex mill-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji fil-Greċja pajjiż skedat ai fini tal-Artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja 276.05, u dan sabiex iservi sentenza ta' priġunerija.

Rat l-Allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għall-finijiet ta' Estradizzjoni datat it-3 ta' April 2025, kif ukoll il-Mandat ta' Arrest Ewropew maħruġ minn *Public Prosecutors Office at the Court of Appeal of Kalamata*, ġewwa l-Greċja datat il-31 ta' Marzu 2025;

Rat iċ-Ċertifikat datat l-14 ta' April 2025 maħruġ mill-Avukat Ġenerali ai termini tar-Regolamenti 6A tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05), hawnhekk aktar 'l quddiem imsejjaħ l-"Ordni";

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' April 2025 il-Qorti kkostatat illi l-persuna li tressqet quddiemha hija l-istess persuna li fil-konfront tagħha ġie maħruġ il-Mandat ta' Arrest Ewropew u dan skont l-Artikolu 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Nru 276.05;

Rat il-provi mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi l-Mandat ta' Arrest Ewropew (hawnhekk aktar 'l quddiem imsejjaħ "MAE") huwa regolat fi ħdan l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-Proċeduri ta' Ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Qafas 2002/584/ĠAI fost l-oħrajn, liema Deċiżjoni Qafas tifforma l-bażi tal-liġi nostrana fir-rigward, senjatament l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05) (hawnhekk aktar 'l quddiem imsejjħa l-"Ordni").

Illi l-Artikolu 1(1) u (2) tad-Deċiżjoni Qafas jistipolaw illi

> *1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hi deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.*

*2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas.*

Illi l-prinċipju ġenerali li jifforma l-bażi tad-Deċiżjoni Qafas huwa spjegat fil-*Commission Notice – Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant*[1] fejn hemm riportat is-segwenti:-

*"The Framework Decision on EAW reflects a philosophy of integration in a common judicial area. It is the first legal instrument involving cooperation between the Member States on criminal matters based on the principle of mutual recognition. The issuing Member State's decision must be recognised without further formalities and solely on the basis of judicial criteria.*

*The surrender of nationals is a principle and a general rule, <u>with few exceptions</u>. These exceptions concern the enforcement of custodial sentences in one's home country and apply equally to residents. In practice, about one fifth of all surrenders in the Union concern a country's own nationals."* (emfasi ta' din il-Qorti)

Illi l-Qrati nostrani wkoll kellhom l-opportunità li jissottolinejaw dan il-prinċipju. Filfatt, fis-sentenza **Carmelo Borg et vs Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern et**[2] jingħad is-segwenti:

*"Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni jaghmel restrizzjonijiet fuq il-verifika gudizzjarja li huma permissibbli, ma humiex irragjonevoli[16], [[16] Persuna jibqghalha, per ezempju, d-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif ukoll id-dritt ghal rimedju kostituzzjonali – ara r-regolamenti 25 u 32. ] ma jikkozzawx ma' xi principji ta' gustizzja*

---

[1] **Commission Notice – Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant** (C/2023/1270), datat 15 ta' Diċembru 2023, p. 10/166.
[2] **Carmelo Borg et vs Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern et**, Qorti Kostituzzjonali, 15 ta' Mejju 2006 (App. Ċiv Nru 1080/2005/1)

*naturali, u li jinkwadraw fl-iskop tal-ligi principali, cioe` dak li tigi regolata l-estradizzjoni ta' persuna minn Malta ghal pajjiz barrani – f'dan il-kaz pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea fejn prinċipju bazilari huwa dak tal-fiducja reciproka li dawn il-pajjizi ghandhom fis-sistema tal-gustizzja ta' xulxin."*

Illi *di più* il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ bl-isem ta' **Radu**[3] qalet illi:

*"34. Għalhekk, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija intiża li tistabbilixxi sistema ġdida simplifikata u iktar effikaċi ta' konsenja ta' persuni kkundannati jew suspettati bi ksur tal-liġi kriminali, biex tiġi ffaċilitata u aċċellerata l-kooperazzjoni ġudizzjarja sabiex tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan mogħti lill-Unjoni li ssir żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja billi tiġi bbażata fuq grad ta' fiduċja għolja li għandha teżisti bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, West, C-192/12 PPU, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

*35 Abbażi tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-Istati Membri għandhom bħala regola prinċipali jilqgħu mandat ta' arrest Ewropew."*

Għalkemm il-prinċipju huwa wieħed ta' ko-operazzjoni sħiħa bejn l-Istati Membri, iċ-ċediment ta' persuna minn pajjiż rikjest għall-pajjiż rikjedent m'hijiex xi ħaġa awtomatika u l-Qorti tal-pajjiż rikjest trid teżamina jekk hemmx xi impediment għall-estradizzjoni, skont kif stipulati fid-Deċiżjoni Qafas u anke fl-Ordni nostrana.

[3] Każ Nru C-396/11, **Ciprian Vasile Radu,** sentenza tad-29 ta' Jannar 2013 (Awla Manja) (para 34 -35).

Ikkunsidrat

Illi mill-MAE odjern jirriżulta illi l-persuna rikjesta huwa mfittex mill-Awtoritajiet tal-Greċja sabiex jiskonta piena ta' għaxar snin priġunerija kif ukoll penali ta' ħamsin elf Ewro in segwitu għas-sentenza Nru 95/6.6.2022 erogata mill-Qorti tal-Appell ta' Kalamata (Imħallef wieħed).

Ikkunsidrat;

Illi r-Regolament 5(6) tal-Ordni jelenka l-elementi meħtieġa għall-validità ta' Mandat ta' Arrest Ewropew wara sejbien ta' ħtija, senjatament li jikkontjeni: (i) d-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu 5(7) u (ii) l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu 5(8) tal-Ordni.

Illi minn eżami tal-MAE odjern u tad-dokumentazzjoni preżentata jirriżulta lill-Qorti illi l-formalitajiet meħtieġa mill-imsemmija subartikoli huma sodisfatti kif inhi sodisfatta wkoll il-forma kif preskritta mir-regolament 5A tal-Ordni.

Inoltre, jirriżulta wkoll li l-pajjiż Rikjedenti huwa pajjiż skedat skont l-Iskeda I tal-Ordni filwaqt li miċ-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali nhar l-14 ta' April 2025 ai termini tal-Artikolu 6A tal-Ordni, jirriżulta illi l-awtorità li ħarġet il-preżenti MAE għandha l-funzjoni li titlob il-ħruġ ta' allerti ġewwa l-Greċja.

Għalhekk, abbażi ta' dan, il-Qorti qed issib illi l-MAE odjern huwa formalment korrett u jissodisfa l-kweżiti kollha tar-regolamenti hawn imsemmija.

Ikkunsidrat;

Illi r-Regolamenti 13 *et seq* tal-Ordni jistabbilixxi x'inhuma l-impedimenti għall-estradizzjoni, ossija s-segwenti:

> *"**13.** (1) Jekk il-qorti hija meħtieġa li tipproċedi skont dan l-artikolu hija għandha tiddeċiedi jekk it-treġġigħ lura tal-persuna fil-pajjiż skedat huwiex ipprojbit minħabba:*

*(a) ir-regola ta' ne bis in idem;*
*(b) l-età tal-persuna;*
*(ċ) amnestija.*

*(1A) Jekk il-qorti tkun meħtieġa tipproċedi skont dan l-artikolu, hija tista' tirrifjuta li teżegwixxi t-treġġigħ lura tal-persuna lejn il-pajjiż skedat jekk it-treġġigħ lura ikun ipprojbit minħabba:*

*(a) preskrizzjoni jew l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien;*
*(b) speċjalità;*
*(ċ) l-estradizzjoni preċedenti tal-persuna lejn Malta minn pajjiż skedat ieħor;*
*(d) l-estradizzjoni preċedenti tal-persuna lejn Malta minn pajjiż li mhuwiex pajjiż skedat."*

Illi fil-każ in eżami, kemm mill-provi prodotti kif ukoll mis-sottomissjonijiet magħmula ma tirriżulta ebda waħda minn dawn l-impedimenti għall-estradizzjoni u b'hekk il-Qorti m'hijiex se tiddelunga fuqhom iżda se tiddikjara biss illi ma jeżisti ebda impediment abbażi tar-Regolament 13 tal-Ordni li fuqu l-Qorti għandha tiddeċiedi li t-treġġiħ lura tal-estradat huwa ipprojbit.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit dan, is-subregolament 13(4) tal-Ordni jistipola illi l-Qorti, a tenur tar-Regolament 23(1) tal-Ordni għandha tistabbilixxi jekk il-persuna kienitx preżenti waqt is-sejbien ta' ħtija u, jekk issib li ma kienx, tara jekk ġewx sodisfatti l-kriterji stabbiliti mis-subregolament 23(3) tal-istess Ordni. Filfatt, il-paragrafu (a) tas-subregolament 23(3) jistipola illi f'din l-eventwalità, il-Qorti għandha tiddeċiedi jekk mill-MAE jirriżultax li, *inter alia, "il-persuna mitluba kienet fi żmien debitu) b'mezzi oħra fil-fatt irċeviet informazzjoni uffiċjali tad-data u l-post skedati ta' dawk il-proċedimenti b'tali mod li*

*ġie stabbilit inekwivokabbilment li hija kienet konxja mill-proċedimenti skedati; u ġiet infurmata li tista' tingħata deċiżjoni jekk hija ma tidhirx għall-proċedimenti*;"

Illi d-difiża tal-persuna rikjesta għamlet numru ta' osservazzjonijiet dwar dan il-preżenti kweżit.

Illi fl-ewwel lok, il-persuna rikjesta jissottometti illi l-MAE preżenti huwa null għaliex ma jindikax, taħt it-Taqsima (d) tiegħu jekk il-persuna rikjesta deherx personalment jew le għall-proċeduri fil-Greċja. Jgħid illi din is-sezzjoni tħalliet barra u għaldaqstant il-MAE huwa null. Illi l-persuna rikjesta m'għandhiex raġun. Minn ħarsa *icto oculi* lejn il-faċċata numru 3 tal-MAE, wieħed malajr jintebaħ li hemm xi paragrafi, ossija l-paragrafi "3.1.b." u "3.4", li huma miktubin b'tipa grassa filwaqt li r-rimanenti paragrafi tat-Taqsima huma miktubin b'tipa regolari. Illi hija l-fehma tal-Qorti li l-paragrafi hekk miktuba b'tipa grassa huma dawk il-paragrafi magħżula u indikati mill-Awtoritajiet tal-Greċja taħt din it-Taqsima. Illi filfatt, dan il-ħsieb tal-Qorti isib il-konferma tiegħu bil-fatt li kemm l-għażla li għamlu l-Awtoritajiet tal-Greċja fil-MAE u kif ukoll ir-risposti minnhom mibgħutha lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 13A tal-Ordni jikkombaċjaw u jagħtu l-istess stampa.

Illi filfatt, minn din it-Taqsima, l-Awtoritajiet tal-Greċja indikaw:

> "**3.1.b. the person was not summoned in person, but by other means was actually and officially informed of the scheduled date and place of the hearing which led to the order, in such a way as to clearly show that they were aware of the proceedings scheduled and was given formal notice that an order may be issued if they did not appear at the hearing;**
>
> **.. omissis...**

**3.4.** the person was not personally served with the decision, but:

- **The person will be personally served with this decision without delay after the surrender; and**

- **When the order is served, they will be explicitly informed of their right to another hearing or an appeal, at which the person is entitled to appear, and that the substance of the case, including new evidence, will be re-examined, with the new hearing potentially overturning the original order; and**

- **The person will be informed of the timeframe within which they have to request a retrial or appeal, which will be 10 days from the serving of the decision.”**

Illi aktar ‘l quddiem fl-istess MAE hemm indikat ukoll illi l-persuna rikjesta dehret personalment quddiem l-Imħallef Invesigattiv ta’ Kalamata u filwaqt li ddikjara residenza u indirizz f’Malta, ġiet inkarigata l-avukat Sophia-Filareti Dimitrea *ex officio* bħala l-avukat difensur tiegħu. Jingħad li fit-23 ta’ Marzu 2022, hija rċeviet it-taħrika sabiex il-persuna rikjesta tidher quddiem il-Qorti tal-Appell ta’ Kalamanta (Imħallef wieħed) nhar id-19 ta’ Mejju 2022.

Il-MAE ikompli jispjega illi din il-proċedura saret skont l-Artikolu 156, paragrafu 4, tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali tal-Greċja. Illi dawn il-fatti huma wkoll ikkonfermati mill-Awtoritajiet tal-Greċja fir-risposta tagħhom lejn din il-Qorti tad-09 ta’ Mejju 2025 in segwitu għat-talba ta’ din il-Qorti tas-06 ta’ Mejju 2025 ai termini tar-Regolament 13A tal-Ordni.

Illi għalhekk il-Qorti m’għandha ebda dubju illi l-paragrafu 3.1.b tat-Taqsima (d) tal-MAE, ċioè dak miktub b’tipa grassa, huwa effettivament wieħed mill-paragrafi li qed jindikaw dak li seħħ fil-Greċja.

Illi aktar minn hekk, l-Awtoritajiet tal-Greċja jindikaw ukoll b'tipa grassa il-paragrafu 3.4 tal-MAE fejn jingħad illi l-persuna rikjesta ser tiġi notifkata personalment mar-ritorn tagħha u tingħata l-opportunità li titlob li l-każ jerġa' jinstema' mill-ġdid.

Illi l-Qorti tqis li bejn kull waħda mill-għażliet tat-taqsima (d), il-MAE juża l-kelma "or" li tfisser li l-MAE huwa validu kemm-il darba waħda mill-erba' għażliet hija sodisfatta.

Illi l-persuna rikjesta, madanakollu, jissottometti wkoll illi l-proċedura adoperata mill-Awtoritajiet tal-Greċja fir-rigward tan-notifka tiegħu tal-proċeduri li fihom nstab ħati m'hijiex waħda valida u la tirrisipekkja l-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584/JHA kif emendata bid-Deċiżjoni Kwadru Nru 2009/299/JHA u lanqas il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' **Dworzecki.**[4]

Illi l-Qorti mhux ser tiddelunga wisq fuq din id-difiża peress li qed tattakka waħda biss miż-żewġ għażliet magħmulha mill-Awtoritajiet tal-Greċja. Biss, għandu jingħad li

jibda biex jingħad li l-Artikolu 4a(1)(a)(i) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584/JHA kif emendata bid-Deċiżjoni Kwadru Nru 2009/299/JHA jistipola illi l-Qorti tista' tiċħad li teżegwixxi MAE jekk il-persuna rikjesta ma dehritx personalment fil-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni sakemm il-MAE ma jiddikjarax li l-persuna, skond ħtiġiet proċedurali ulterjuri definiti fil-liġi nazzjonali tal-Pajjiż Rikjedenti u fi żmien debitu, b'mezzi oħra fil-fatt irċeviet informazzjoni uffiċjali tad-data u l-post skedati ta' dik il-kawża b'tali mod li ġie stabbilit inekwivokabbilment li hija kienet konxja mill-kawża skedata. Illi dan il-kweżi huwa rifless fir-Regolament 23(3)(a) tal-Ordni.

[4] Każ Nru C-108/16 PPU, **Paweł Dworzecki,** Sentenza tal-24 ta' Mejju 2016

mill-MAE odjern jirriżulta illi skont l-Artikolu 156(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Greċja, fejn persuna tagħti indirizz jew domiċilju barra minn dak il-pajjiż, in-notifika ssir biss lill-avukat imqabbad biex jiddefendih. Mill-atti jirriżulta illi l-persuna rikjesta fit-23 ta' Awwissu 2018 deher quddiem l-Imħallef Investigatur f'Kalamata u ddikjara l-indirizz tiegħu f'Ħal-Kirkop u tħalla jirritorna lejn Malta taħt garanzija ta' €1,500. Sussegwentement, fit-23 ta' Marzu 2022 l-avukatessa ngaġġata Sophia-Filareti Dimitrea rċeviet in-notifika għas-smiegħ tal-kawża tad-19 ta' Mejju 2022, fejn imbagħad kien hemm seduta oħra fis-6 ta' Ġunju 2022 fejn il-kawża ġiet deċiża. Irriżulta lil din il-Qorti, madanakollu, illi l-persuna rikjesta kien qed jirrisjedi f'indirizz għalkollox differenti ġewwa l-Qawra. Għalhekk, filwaqt li jidher li l-istess persuna rikjesta ttentat tagħmilha ferm aktar diffiċli li tiġi ntraċċata mill-Awtoritajiet Griegi, aktarx li l-għan aħħari wara l-Artikolu 156(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Greċja huwa propju biex jevita is-sitwazzjonijiet fejn persuna nieqsa mill-pajjiż, tittenta tgħib u tinħeba biex tevita kull komunikazzjoni biex jekk xi darba tinqabad mill-awtoritajiet, tattakka l-proċess tan-notifika ta' dawk il-proċeduri u b'hekk tevita b'suċċess ir-ritorn tagħha lejn il-Pajjiż Rikjedenti. Illi din il-Qorti tara li kwalunkwe ħsieb bħal dan jattakka t-tessut li jifforma x-xibka tal-Mandati ta' Arrest Ewropew.

Illi madanakollu, l-Awtoritajiet Griegi għażlu wkoll il-paragrafu 3.4 tal-MAE, liema paragrafu jirrispekkja kemm l-Artikolu 4a(d)(i)u(ii) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584/JHA kif emendata bid-Deċiżjoni Kwadru Nru 2009/299/JHA kif ukoll ir-Regolament 23(d)(i)u(ii) tal-Ordni.

Illi stabbilit li dan il-kriterju ġie sodisfatt, il-Qorti ma tarax utilità li tinvesti aktar fl-argumenti mressqa mid-difiża dwar in-notifika tal-persuna rikjesta.

Illi għalhekk, dan il-kweżit ġie pjenament sodisfatt.

Ikkunsidrat;

Illi fid-difiża tiegħu, il-persuna rikjesta jissottometti illi l-Qorti għandha wkoll tivverifika l-prinċipju ta' kriminalitá doppja. Jgħid li jekk il-Qorti tħares lejn il-fatti kif narrati mix-xhud Charalambos Paraskevopoulos u riportati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Kalamata, malajr tintebaħ illi dawk il-fatti ma jammontawx għal reat taħt il-liġi nostrana. Jissottometti illi l-persuna rikjesta kien biss xufier għal persuna oħra li kienet ser tittanta taħrab mill-Greċja liema atti m'humiex reati f'Malta.

Illi kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ **Procureur général près la cour d'appel d'Angers**[5],

> "*36 Minn dan jirriżulta li, fl-evalwazzjoni tal-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt, sabiex jiġi ddeterminat jekk teżistix raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew skont il-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, hija l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li għandha tivverifika jekk l-elementi fattwali tar-reat li ta lok għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' arrest Ewropew jikkostitwixxux ukoll, bħala tali, reat fid-dawl tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni fl-ipoteżi fejn dawn ikunu seħħew fit-territorju ta' dan tal-aħħar (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2017, Grundza, C-289/15, EU:C:2017:4, punt 38).*"

Illi fis-sentenza tagħha fil-każ ta' **Grundza**[6], il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea daħlet *in profundis* fuq l-elementi tal-kriminalità doppja u l-eżami li għandu jsir mill-Qorti. Għalkemm dak il-każ m'huwiex wieħed mogħti fil-qafas tal-Mandat ta' Arrest Ewropew, il-prinċipji hemm enunċjati jsibu applikazzjoni larga għall-proċeduri ta' MAE. Illi għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tara jekk il-fatti kif kontenuti fil-MAE iwasslux għal ħtija li kieku, għall-grazzja tal-argument biss, dawn seħħew f'Malta.

[5] **Procureur général près la cour d'appel d'Angers**, Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, 14 ta' Lulju 2022, Każ Nru: C-168/21.
[6] **Joszef Grundza**, Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, 11 ta' Jannar 2017, Każ Nru: C-289/15.

Illi d-difiża ssostni li l-fatti kif deskritti ma jammontawx għal reat li kieku seħħew f'Malta. Hija tippernja l-argument tagħha fuq ix-xhieda ta Charalambos Paraskevopoulos riportata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Kalamata. Illi minn qari ta' din ix-xhieda joħroġ ċar li dan ix-xhud kien il-persuna li qabad lill-persuna rikjesta u lil sieħbu iżda ma jirriżultax li kien ukoll il-persuna li nvestiga dan il-każ. Filfatt, fid-deskrizzjoni mogħtija mill-Awtoritajiet Griegi fil-MAE hemm ferm aktar dettalji tal-każ. Jingħad fil-MAE li nhar l-20 ta' Awwissu 2018, għall-ħabta tas-14:30hrs, il-persuna rikjesta, bil-ħsieb li tagħmel qliegħ ta' €1,500, iffaċilitat it-tluq ta' ċerta Mahmoud Suleyman mit-territorju tal-Greċja billi wasslu sal-arjuport ta' Kalamata u pprovdielu biljett tal-ajru (*boarding pass*) u karta tal-identità kemxejn dubbjuża.

Illi hija l-fehma tal-Qorti li kieku l-persuna rikjesta wettqet dawn il-fatti kif hawn fuq esposti fit-territorju Malti, hija tkun passabbli taħt l-Artikolu 337A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Atti dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk, anke din id-difiża qed tiġi respinta mill-Qorti peress li jirriżulta li l-kriterju tal-kriminalità doppja huwa b'dan sodisfatt.

Ikkunsidrat;

Illi l-persuna rikjesta issollevat ukoll id-difiża magħrufa bħala il-"*fundamental rights defence*" ċioè li jekk il-Qorti tordna t-treġġiħ lura tal-persuna rikjesta, id-drittijiet fundamentali tiegħu se jkunu, jew aktarx se jkunu, miksura. In sostenn ta' din id-difiża, il-persuna rikjesta ppreżentat rapport dwar il-kondizzjonijiet tal-faċilitajiet korrettivi fil-Greċja.[7]

[7] "Report to the Greek Government on the ad hoc visit to Greece carried out by the Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treament or Punishment (CPT) from 22 November 2021 to 1 December 2021, (CPT/Inf (2022) 16 ippublikat nhar it-2 ta' Settembru 2022 fi, Strasburgu.

B'mod speċifiku, d-difiża tilmenta illi d-daqs taċ-ċellel fil-faċilità korrettiva ta' Patras aktarx li huwa inqas mill-livell minimu ta' $6m^2$ ta' spazju għall-għajxien f 'ċella b' persuna waħda jew ta'$4m^2$ ta' spazju f'ċella b'diversi persuni skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ewropew għall-prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament jew il-Pieni Inumani jew Degradanti (CPT) fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa. Jilmenta li kif jirriżulta mir-rapport CPT/Inf (2022)[8] din il-faċilita' għandha populazzjoni ogħla minn dak li tiflaħ.

Illi l-Qorti ġiet miltuba, ai termini tal-Artikolu 13A tal-Ordni, titlob lill-Awtoritajiet tal-Greċja jagħtu aktar informazzjoni dwar liema faċilità korrettiva ser jinżamm jekk huwa jiġi ritornat lura lejn il-Greċja, dwar il-kondizzjonijiet ġeneriċi u speċifiċi ta' tali faċilità kif ukoll biex jagħtu garanzija illi d-drittijiet fondamentali tal-persuna rikjesta mhux se jiġu mittiefsa jekk din il-Qorti tordna t-treġġiħ lura tiegħu.

Illi b'risposta datata 9 ta' Mejju 2025, l-Awtoritajiet tal-Greċja jikkonfermaw illi huwa ser jinżamm fil-faċilità korrettiva ta' Patras jekk ikun hemm post. Jgħid li dan il-kumpless huwa maħsub għal 446 priġunier iżda bħalissa għandu 527 priġunier. Jagħtu wkoll informazzjoni dwar id-daqsijiet tad-diversi kmamar u l-btieħi, is-servizzi sanitarji, il-ġurnata tipika tal-priġunieri u s-servizzi mediċi fost l-oħrajn.

Illi nhar it-13 ta' Mejju 2025, din il-Qorti għamlet talba ulterjuri għal informazzjoni lill-Awtoritajiet tal-Greċja ai termini tal-Artikolu 13A tal-Ordni sabiex jiġi kjarifikat fejn ser jinżamm fl-eventwalità li l-faċilità korrettiva ta' Patras ma tkunx disponibbli, sabiex jispeċifikaw id-daqs taċ-ċellel b'mod konkret kif ukoll jekk dwar hemmx servizzi ta' kura medika għall-marda li jsofri minnha l-persuna rikjesta.

Illi b'risposta datata l-15 ta' Mejju 2025, l-Awtoritajiet tal-Greċja nformaw lil din il-Qorti illi d-daqs tal-kmamar fil-faċilità korrettiva ta' Patras huwa ta'

[8] Ibid.

8.80m$^2$, filwaqt li l-monitoraġġ ta ċerta mard kroniku, bħal dak li tbagħti minnu l-persuna rikjesta, jsir minn tobba speċjalisti fl-isptar u l-priġunier jiġi eskortat lejn l-isptar għall-eżamijiet u *follow-up* neċessarju. Fl-istess risposta jingħad ukoll li fl-eventwalità li l-faċilità korrettiva ta' Patras ma tkunx disponibbli, huwa ser jinżamm fil-faċilità korrettiva ta' Drama. Jingħad f'din ir-risposta li l-popolazzjoni ta' din il-faċilità hija ta' 505 priġunier u għandha kapaċità totali ta' 597 priġunier. Iċ-ċellel tagħha għandhom daqs ta' 11.75m$^2$ u kull ċella żżomm tlett priġunieri. Jingħad li għalkemm m'hemmx tabib residenti, ta' kull ġimgħa jiġu tobba u speċjalisti jżuru l-priġunieri. Fir-risposta jingħataw wkoll dettalji dwar l-ambjenti rikreattivi u sportivi kif ukoll dwar l-ikel.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward ta' din id-difiża, hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li Mandat ta' Arrest Ewropew għandu, fil-prinċipju, jiġi rrifjutat biss għar-raġunijiet elenkati fl-Artikoli 3, 4 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas jew f' "ċirkostanzi eċċezzjonali"[9] li, minħabba l-gravità tagħhom, jeħtieġu li jitqiegħdu limitazzjonijiet fuq il-prinċipji ta' rikonoxximent reċiproku u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, li fuqhom hija bbażata l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Fil-kawża **Aranyosi u Căldăraru**, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea iddeċidiet li d-dritt iggarantit mill-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma jistax jinbidel u għandu jiġi rrispettat b'mod assolut. F' din is-sentenza, il-QĠUE żviluppat proċess ta' eżami f'żewġ stadji li permezz tiegħu l-Qorti tista' tiddetermina jekk difiża hijiex gravi biżżejjed biex tiġġustifika r-rifjut tal-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew abbażi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem:

1. fl-ewwel stadju, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-Istat Membru Rikjest għandhom jevalwaw jekk hemmx riskju reali ta' ksur tad-

[9] Każijiet magħquda C-404/15 u C-659/15 PPU, **Aranyosi and Căldăraru**, Sentenza tal-5 ta' April 2016.

drittijiet fundamentali, fid-dawl tas-sitwazzjoni ġenerali fl-Istat Membru Rikjedenti;

2. Fit-tieni lok, l-imsemmija qorti għandha tevalwa, b'mod konkret u preċiż, jekk jeżistix riskju reali ta' ksur ta 'dritt fundamentali tal-persuna rikjesta, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet li huwa meħtieġ li ż-żewġ stadji mill-eżami ta' hawn jiġu ssodisfati sabiex rifjut ta' eżekuzzjoni ta' MAE jkun meritat.[10] Fil-każ ta' **Dumitru-Tudor Dorobantu**,[11] il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kompliet tissolidifika l-prinċipji stabbiliti fil-kawżi **Aranyosi u Căldăraru** u **Generalstaatsanwaltschaft[12]** u ddeċidiet li sabiex tiżgura l-osservanza tal-Artikolu 4 tal-Karta fil-proċedura ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru Rikjest, meta ffaċċjati b'evidenza tal-eżistenza ta' tali nuqqasijiet li hija oġġettiva, affidabbli, konkreta u regolarment aġġornata għandhom jiddeterminaw, b' mod konkret u preċiż, jekk, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, jeżistux raġunijiet serji sabiex wieħed jemmen li wara l-konsenja ta' dik il-persuna lill-Istat Membru Rikjedenti, hija ser tkun f'riskju reali li tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti f'dak l-Istat Membru Rikjedenti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta.

Illi fil-każ preżenti, l-Awtoritajiet tal-Greċja taw diversi risposti u garanziji li d-drittijiet fundamentali tal-persuna rikjesta mhux ser jiġu miskura. Filfatt huma jgħidu:

*"4) If Ahmad Ali is extradited, he will be detained in conditions that will not violate his rights, in Patra's Prison…"[13]*

kif ukoll,

---

[10] Każ Nru C-158/21, ***Puig Gordi and Others***, Sentenza tal-31 ta' Jannar 2023.
[11] Każ Nru C-128/18, ***Dorobantu*,** Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2019.
[12] Każ nru C-220/18 PPU, ***Generalstaatsanwaltschaft***, sentenza tal-25 ta' Lulju 2018.
[13] Ara l-korrispondenza datata d-9 ta' Mejju 2025.

*"3. The Patras Prison adheres to fundamental human rights principles, as the detention conditions have been reported in our letter no 7567/9-5-2025"*[14]

Minkejja li l-persuna rikjesta ppreżentat kopja tar-rapport dwar il-kondizzjoni tal-faċilitajiet korrettivi tal-Greċja, il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn għandha tiddubita mill-informazzjoni u risposti mibgħuta mill-Awtoritajiet tal-Greċja dan għaliex la fuq livell ġenerali u wisq anqas fuq livell speċifiku ma tressqet prova illi l-kondizzjonijiet fil-faċilità ta' Patras jew dik ta' Drama aktarx jiksru d-drittijiet fundamentali tal-persuna rikjesta. Għalhekk, din id-difiża tfalli meta titpoġġa għat-test stabbilit mill-QĠUE fil-każ ta' **Aranyosi u Căldăraru** u l-każijiet sussegwenti.

Ikkunsidrat;

Illi finalment, permezz ta' nota datata d-19 ta' Mejju 2025 il-prosekuzzjoni nformat il-Qorti illi l-persuna rikjesta preżentement qed taffaċċja proċeduri quddiem dawn il-Qrati, preċiżament fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ali Ahmad u Dejan Mrvos** liema proċeduri jidher li għadhom pendenti.

Illi s-subregolament 28A(1) tal-Ordni jawtorizza lill-Qorti timxi skont is-subregolament 28A(2) tal-istess Ordni fejn din, wara li tiddeċiedi li teżegwixxi l-MAE, tiġi nfurmata li l-persuna rikjesta tinsab akkużata f'Malta b'reat differenti minn jdak li jifforma l-bażi tal-MAE. Illi filfatt, is-subregolament 28A(2) tal-Ordni jagħti l-fakultà lill-Qorti li tipposponi l-konsenja tal-persuna rikjesta sakemm tiġri xi waħda mill-kondizzjonijiet hemm indikati.

Illi għalkemm din il-Qorti ġiet informata bil-proċeduri l-oħrajn kontra l-persuna rikjesta f'dawn il-qrati <u>qabel</u> ma hija ddeċidiet dwar jekk il-MAE

[14] Ara l-korrispondenza datata 15 ta' Mejju 2025.

għandux jiġi eżegwit jew le, il-Qorti tara li ma jagħmel ebda sens li tiskarta tali informazzjoni f'dan l-istadju biex imbagħad terġa' tiġi nformata b'tali fatt jekk tiddeċiedi favur ir-ritorn tiegħu. Li kellha tagħmel hekk, il-Qorti tkun qed tiddelunga l-proċedura mingħajr skop u tkun qed iżżid l-inċertezza fuq il-persuna rikjesta. Għalhekk, hija ser tieħu konjizzjoni tan-nota ppreżentata.

Ikkonsidrat;

Illi finalment, il-Qorti semgħet lil Dr. Aaron Schembri jixhed illi l-persuna rikjesta jbgħati minn marda serja kronika li, madanakollu, jekk jingħata l-kura indikata din il-marda tista' tiġi kkontrollata u ma tkunx ta' perikolu għalih.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, ai termini tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05), qed tiddeċiedi li t-treġġiħ lura ta' **Ali Ahmad** lejn il-Greċja **<u>m'huwiex impedut</u>** u għalhekk, ai termini tar-Regolament 24 tal-Ordni msemmija:

1. Qed tordna li **Ali Ahmad** għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiħ lura lejn il-Greċja , bħala pajjiż skedat minn fejn inħareġ il-Mandat t'Arrest Ewropew odjern;

Skont ir-Regolament 25 tal-Ordni msemmija, moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Qorti qed tinforma lill-estradat li:

2. M'huwiex se jiġi mreġġa' lura lejn il-Greċja qabel ma jgħaddu sebat' ijiem mid-data ta' din l-Ordni ta' kustodja;

3. Huwa għandu dritt li jinterponi appell minn din id-Deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; u

4. Jekk jidhirlu li xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, (Kap. 276 tal-Liġijiet ta Malta), ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-Qorti, huwa għandu jedd jitlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-każ u dan id-dritt qiegħed minn issa jiġi riżervat a favur tal-persuna rikjedenti anke abbażi ta' dak espost f'din id-deċiżjoni.

B'dan illi, wara li l-Qorti tat id-deċiżjoni tagħha dwar li l-persuna rikjesta għandha tiġi ritornata lejn il-pajjiż rikjedenti, u wara li rat ir-regolament 28A(2)(a) tal-Ordni, il-Qorti qegħda tipposponi l-konsenja ta' Ali Ahmad sakemm tiġri xi ħaġa minn dawn li ġejjin:

(i) isir mill-akkuża;
(ii) l-akkuża tiġi rtirata;
(iii) il-proċedimenti dwar l-akkuża ma jitkomplewx;
(iv) il-proċedimenti jiġu differiti *sine die*:

u dan fir-rigward tal-kawża fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Ali Ahmad u Dejan Mrvos"** li qed tinstema' minn din il-Qorti diversament ippresjeduta b'dan illi meta tiġri xi waħda mill-ġrajjiet imsemmija fis-subparagrafi (i) sa (iv) hawn fuq, il-qorti tordna minnufih l-arrest mill-ġdid u l-konsenja ta' Ali Ahmad.

Finalment, il-Qorti tirrakkomanda lill-awtoritajiet Griegi sabiex jagħtu dik l-attenzjoni medika kollha u meħtieġa lil Ali Ahmad sabiex il-kondizzjoni medika tiegħu tibqa' stabbli u kkontrollata.

**Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**